# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tal-Ġimgħa, 13 ta' Mejju 2022

## Talba numru 245/2021SFJ

**ELMO INSURANCE LIMITED (C3500)**
**VS.**
**CHARLES FRAME FREEBAIRN BERRY STANGER (0077278A)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fl-24 ta' Awwissu 2021 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet li l-konvenut ikun ikkundannat iħallasha s-somma ta' elfejn u mitejn u erbatax-il Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€2,214.78) għar-raġunijiet hemm imfissra;

Ra li l-konvenut ġie nnotifikat tramite l-proċedura deskritta fl-Art. 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Ra li l-konvenut ma ppreżenta ebda Risposta u ma deher għal ebda seduta;

Ra l-kapitolu ppreżentat mis-soċjetà attriċi fis-seduta tat-8 ta' Frar 2022;

Sema' l-provi, ra d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-13 ta' Mejju 2022.

**<u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

Il-konvenut, għalkemm debitament mgħarraf bl-Avviż tat-Talba u nnotifikat skont il-liġi, naqas li jippreżenta Risposta u naqas ukoll li jidher f'xi seduta jew oħra.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***<u>Fenici Insurance</u>***

***Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* l-kontumaċja mhijiex ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Din il-kawża hija waħda li permezz tagħha s-soċjetà attriċi qed tipprova tieħu lura ammont ta' flus mill-klijent tagħha (il-konvenut), liema ammont ta' flus hija kienet obbligata tħallas fir-rigward tal-*lodo* arbitrali numru M5695/2019 fl-ismijiet ***Atlas Insurance PCC Limited et vs. Elmo Insurance Limited*** (deċiż fl-14 ta' Jannar 2020).

Wara li t-Tribunal qara l-*lodo* u l-polza tal-assigurazzjoni (din tal-aħħar hija dokument EL1), kif ukoll wara li sema' lil Dr Fiona Galea Farrugia tixhed li ċ-Ċentru Malti tal-Arbitraġġ ma kien innotifikat b'ebda appell relattivament għall-arbitraġġ hawn fuq imsemmi, it-Tribunal huwa sodisfatt li t-talbiet tas-soċjetà attriċi ġew sodisfaċentement ippruvati u jimmeritaw akkoljiment.

**Deċide**

Għaldaqstant, wara li ra d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata u wara li sema' lix-xhieda, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta' elfejn u mitejn u erbatax-il Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€2,214.78), bl-imgħax li għandu jiġi kkalkulat b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi, dekorribbli mill-14 ta' Mejju 2020, sad-data tal-pagament effettiv.

It-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi l-ispejjeż kollha konnessi mal-ittra uffiċjali relattiva (ittra uffiċjali numru 908/2020 [ippreżentata *ai termini* tal-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta]) *siccome* ġiet ippreżentata prova tal-istess.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**